

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni****(Każ COMP/M.5421 – Panasonic/Sanyo)****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2009/C 195/07)

1. Fil-11 ta' Awwissu 2009, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup> li permezz tagħha l-impriża Panasonic Corporation ("Panasonic", il-Ġappun) takkwista, fit-tifsira tal-Artikolu 1(3)(b) tar-Regolament tal-Kunsill, kontroll sħiħ tal-impriża Sanyo Electric Co., Ltd. ("Sanyo", il-Ġappun) permezz ta' offerta pubblika.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża kkonċernati huma:
  - għal Panasonic: l-iżvilupp, manifattura u bejgħ ta' prodotti awdjoviżivi u ta' komunikazzjoni, tagħmir tad-dar, komponenti u u apparat elettroniċi (inklużi batteriji), prodotti industrijali u oħrajn,
  - għal Sanyo: l-iżvilupp, manifattura u bejgħ ta' prodotti tal-konsumatur, apparat kummerċjali, komponenti elettroniċi (inklużi batteriji), tagħmir għal-loġistika/manutenzjoni industrijali.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l'operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 22964301 jew 22967244) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5421 – Panasonic/Sanyo, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet  
J-70  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.